# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 59/2022 JPG**
**Kawza Numru : 21**

**RC**
**U**
**JPB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' RC u JPB datat 1 ta' Frar 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huma zzewgu fil-Katedral ta' San Pawl, l-Imdina Malta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju elfejn u sebgha (2007) skond certifikat taz-zwieg numru 1326/2007 hawn anness u mmarkat Dok 'B';*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwsiti bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ippubblikat fid-disgha (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) minn Nutar Elisa Falzon skond kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok 'C';*

*Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;*

*Illi l-possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u dan anke*

*minhabba l-fatt li ilhom jghixu hajja separata ghal zmien twil;*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad dritt tal-manteniment minghand xulxin skond l-artikolu tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit;*

*Illi ghalhekk il-partijiet ilhom separti ghal bosta snin u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;*

*Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghal-hall taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti RC u JPB (dan ta' l-ahhar debitament rapprezentat mill-Avukat Rachael Bonello permezz ta' prokura hawn anness u mmarkata Dok 'A') jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tiddikjara li z-zwieg taghhom hu mahlul u li ghal dan il ghan tippronunzja d-divorzji bejn il-partijiet u ghall kull fini u effetti kollha tal-ligi tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minnha, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorzju jkun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' l-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness u bhala Dok 'B';*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RC xehdet** (vide affidavit fol 15) illi l-partijiet zzewgu nhar id-29 ta' Lulju 2007 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Elisa Falzon nhar id-9 ta' Settembru 2010. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment

dovut bejniethom u llum jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**JPB xehed** (vide affidavit fol 16) u kkonferma u korrabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Lulju 2007, liema zwieg jgib certifikat numru 1326/2007 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Elisa Falzon nhar id-9 ta' Settembru 2010 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 5 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1326/2007 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**